

Appell imressaq fit-13 ta' Lulju 2007 minn Bolloré SA kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza (Il-Ħames Awla) mogħtija fis-26 t'April 2007 fil-kawża magħquda T-109/02 (Bolloré vs Il-Kummissjoni), T-118/02 (Arjo Wiggins Appleton vs Il-Kummissjoni), T-122/02 (Mitsubishi HiTec Paper Bielefeld vs Il-Kummissjoni), T-125/02 (Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni), T-126/02 (M-real Zanders vs Il-Kummissjoni), T-128/02 (Papeteries Mougeot vs Il-Kummissjoni), T-129/02 (Torraspapel vs Il-Kummissjoni), T-132/02 (Distribuidora Vizcaína de Papeles vs Il-Kummissjoni) u T-136/02 (Papelera Guipuzcoana de Zicuñaga vs Il-Kummissjoni)

(Kawża C-327/07 P)

(2007/C 223/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bolloré SA (rappreżentanti: C. Momège u P. Gassenbach, avukati)

Parti l-oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet

- li tiġi annullata s-sentenza kkontestata inkwantu, minn naħa, hija kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Bolloré SA u l-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u, min-naħa l-oħra, żnaturat il-provi sabiex tistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-ksur;
- li tingħata deċiżjoni finali fil-kawża T-109/02, b'mod konformi ma' l-Artikolu 61 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u, għal dan il-għan, li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/337/KE, ta' l-20 ta' Diċembru 2001, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (kawża COMP/E-1/36.212 — Karta saħħara) ⁽¹⁾ u safejn tikkonċerna Bolloré SA jew, f'kull każ, li titnaqqas il-multa imposta fuq Bolloré SA mill-Kummissjoni u kkonfermata mill-Qorti tal-Prim'Istanza;
- fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix f'din il-kawża, li jiġu rriżervati l-ispejjeż u li l-kawża tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għal eżami mill-ġdid, b'mod konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- fl-aħħar nett, skond l-Artikolu 69 tar-Regoli tal-Proċedura, li l-Kummissjoni tiġi ordnata tbatli l-ispejjeż sostnuti kemm quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tinwoka żewġ motivi in sostenn ta' l-appell tagħha.

Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, li jinkludi żewġ partijiet, hija ssostni, minn naħa, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju fundamentali tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża billi ma annullatx

d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ċitata iktar 'il fuq minkejja li tik-konkludi, fl-istess sentenza, li d-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet ma ppermettietx lir-rikorrenti li ssir taf bl-ilment ibbażat fuq l-involviment dirett tagħha fil-ksur, u lanqas bil-fatti kkunsidrati mill-Kummissjoni in sostenn ta' dan l-ilment, b'tali mod li r-rikorrenti ma setgħetx raġjonevolment tigarantixxi d-difiża tagħha matul il-proċedura amministrattiva.

Min-naħa l-oħra, id-drittijiet tad-difiża wkoll ġew miksur inkwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-att illegali mwettaq mill-Kummissjoni ma jstax jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu hija ma kellhiex impatt determinant fuq id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni. Skond ir-rikorrenti, fil-fatt, id-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet għandha rwol daqs-tant fundamentali fid-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni li n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet dwar l-identifikazzjoni u d-determinazzjoni tar-responsabilitajiet kellhom iwasslu, b'mod irrimedjabbli, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni wkoll li, sabiex tistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-ksur u tistabbilixxi, għaldaqstant, l-ammont tal-multa dovuta minn Bolloré, il-Qorti tal-Prim'Istanza, minn naħa, kisret il-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza billi bbażat ruħha fuq sempliċi indizji mhux sostnuti u, min-naħa l-oħra, żnaturat il-provi relatati mal-valur attribwit lid-dikjarazzjonijiet ta' kumpannija oħra (Arjo Wiggins Appleton) u lill-allegat skop anti-kompetittiv ta' laqgħa uffiċjali ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-produtturi Ewropej tal-karta saħħara li nżammet f'Zurich fit-23 ta' Jannar 1992.

(¹) ĠU 2004, L 115, p. 1.

Appell imressaq fit-18 ta' Lulju 2007 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kontra s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla Estiża) fit-3 ta' Mejju 2007 fil-Kawża T-357/02, Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-334/07 P)

(2007/C 223/07)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: Kilian Gross, aġent)

Parti oħra fil-kawża: Freistaat Sachsen

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla kompletament is-sentenza kkontestata tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Mejju 2007, Kawża T-357/02, Freistaat Saschen vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;
- taqta' l-kawża fil-mertu billi r-rikors jiġi ddikjarat infondat;
- tikkundanna lir-rikorrent fl-ewwel istanza għall-ispejjeż ta' l-appell u ta' dawk ta' l-ewwel istanza fil-kawża T-357/02.

Motivi u argumenti prinċipali

Skond il-Kummissjoni s-sentenza appellata tikser l-Artikolu 88(2) u (3) KE, it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 249 KE, it-tieni frażi ta' l-Artikolu 254(2) KE, l-Artikolu 3 u ss tar-regolament proċedurali kif ukoll l-Artikolu 10(1) tar-regolament dwar l-eżenzjoni għall-għajnuniet favur impriżi żgħar u medji (IŻM), peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza traskurat il-fatt li l-evalwazzjoni tal-leġittimità tad-deċiżjoni kkontestata (2003/226/KE) ⁽¹⁾ kellha titwettaq esklużivament fuq il-bażi tan-normi li jinsabu fir-regolament dwar l-eżenzjoni għall-għajnuniet għall-IŻM [Regolament (KE) Nru 70/2001] ⁽²⁾.

Ir-regolament dwar l-eżenzjoni għall-ghanuniet favur IŻM daħal fis-seħħ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u b'hekk kien applikabbli direttament peress li kien l-uniku kument normativ validu. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet b'mod żbaljat l-applikabbiltà tar-regolament dwar l-eżenzjoni għall-għajnuniet favur l-IŻM, għaliex qieset bi żball li l-applikazzjoni tiegħu fid-deċiżjoni kkontestata kellha jkollha natura retroattiva.

Sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata tikser ukoll l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 4(5) tar-regolament proċedurali [Regolament (KE) Nru 659/1999] ⁽³⁾, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-kriterji u r-rekwiżiti għat-twettiq ta' notifika.

⁽¹⁾ ĠU L 91, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 10, p. 33.

⁽³⁾ ĠU L 83, p. 1.

Appell imressaq fl-20 ta' Lulju 2007 minn Distribuidora Vizcaína de Papeles, S.L., kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) fis-26 ta' April 2007, fil-Kawża magħquda T-109/02 (Bolloré vs Il-Kummissjoni), T-118/02 (Arjo Wiggins Appleton vs Il-Kummissjoni), T-122/02 (Mitsubishi HiTec Paper Bielefeld vs Il-Kummissjoni), T-125/02 (Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni), T-126/02 (M-real Zanders vs Il-Kummissjoni), T-128/02 (Papeteries Mougeot vs Il-Kummissjoni), T-129/02 (Torraspapel vs Il-Kummissjoni), T-132/02 (Distribuidora Vizcaína de Papeles vs Il-Kummissjoni) u T-136/02 (Papelera Guipuzcoana de Zicuñaga vs Il-Kummissjoni)

(Kawża C-338/07 P)

(2007/C 223/08)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Distribuidora Vizcaína de Papeles, S.L. (rappreżentant: E. Pérez Medrano, avukat)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- li jiġi ddikjarat li dan l-appell huwa ammissibbli u fondat,
- li s-sentenza kkontestata tiġi annullata in toto jew parzjalment sa fejn din tippreġudika lir-rikorrenti, għall-motivi kollha ta' dritt ikkunsidrati jew uħud minnhom, u li mill-annullament ta' din is-sentenza jitqiesu l-konsegwenzi kollha ta' dritt li joħorġu minnha, kemm jekk jiġi deċiż espressament fil-mertu kemm jekk l-eżami ta' dan ta' l-aħħar jiġi rreferit lill-Qorti tal-Prim'Istanza,
- li titneħħa jew titnaqqas il-multa imposta fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2001, 2004/337/CE, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (każ COMP/E-1/36.212 — Karta saħħara) ⁽¹⁾, is-suġġett tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza,
- li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbatl l-ispejjeż ta' dawn l-istanzi,
- li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbatl l-ispejjeż ta' l-istanzi dwar is-sentenza kkontestata.